PR202405

**27/11/2020**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmi prodott m'għandux jiġi wżat minħabba li wara analiżi li saret, instab li fih livelli ta' Primary Aromatic Amines (PAAs) iktar minn dawk stabbiliti fir-regolamenti.

Primary Aromatic Amines (PAAs) huma grupp ta' sustanzi kimiċi li jiffurmaw f'ċertu industriji ta' manifattura bħall-linka li tintuża għall-istampar fuq kartun u plastic, fost l-oħrajn. Jistgħu jiffurmaw ukoll meta jinħadem ċertu tip ta' plastik li jkun flessibli. Xi PAAs jistgħu jgħamlu ħsara lis-saħħa għaldaqstant ma jistgħux jintstabu f'livelli iktar minn dak permess fil-liġi, speċjalment fi prodotti li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-ikel.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-prodott: | Mgħarfa tal-għaġin, magħmula minn plastik iswed u manku tal-metall. |
| Numru tal-barcode: | EAN 4326470445063 |
| Oriġini | Magħmula fiċ-Ċina, impurtata mill-Ġermanja |

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.




GB: pasta spoon
I: Cucchiaino per la pasta
F: Cuillère pour pâtes
Vor dem ersten Gebrauch abwaschen. Spülmaschinen geeignet bis max. 120°.
Wash before fist use. Suitable for dishwasher up to max. 120°.
4 326470 445063
JEAN Products ● 97783 Karsbach
Steinmühlweg 4 ● Germany